# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 12 ta' Dicembru, 2000.

**Kawza Nru. 13.**
**Citazz. Nru. 1743/00 JRM**

**Arthur MICALLEF**

**vs**

**Innocenzo sive Lucio SPITERI u Saviour ABELA**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni tat-23 t'Awissu, 2000, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-istanti kien akkwista b'titolu ta' subenfitewsi l-fond illum bl-isem "Casablanca" u li jgib in-numru 20 u 21 fi Triq Nazzareno Dalli, Birzebbugia, adjacenti ghall-fond

illum bl-isem "Swallow Garage" u li huwa bla numru fl-istess Triq detenut mill-konvenut Innocenzo sive Lucio Spiteri;

Illi ricentement il-konvenuti bdew jaghmlu xogholijiet fil-fond "Swallow Garage" fi Triq Nazzareno Dalli, Birzebbugia, u f'anqas minn xahrejn ilu u b'mod aktar preciz fl-ahhar gimgha ta' Lulju 2000, il-konvenuti, jew min minnhom, abusivament u ad insaputa u minghajr il- permess ta' l-esponent huma ghamlu l-komunikazzjonijiiet tad-drains u tad-dranagg tal-fond "Swallow Garage" mal-fond numru 20 u 21;

Illi l-komunikazzjonijiet imsemmija jikkostitwixxu spoll klandestin u vjolenti ghad-dannu tal-proprjeta' ta' l-attur;

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati biex inehhu l-komunikazzjonijiet li huma jew min minnhom ghamlu illegalment, dawn baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom kkommettew spoll klandestin u vjolenti ghad-dannu ta' l-attur meta huma jew min minnhom ghamlu l-komunikazzjonijiet tad-drains u tad-dranagg tal-fond "Swallow Garage" fi Triq Nazzareno Dalli, Birzebbugia, mal-fond numru 20 u 21 fl-istess Triq, u dana abusivament u ad insaputa ta' l-attur u minghajr il-permess ta' l-istess attur kif fuq inghad;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tipprefeggilhom din il-Qorti jnehhu l-

komunikazzjonijiet tad-drains u tad-drangg li saru illegalment kif gia' intqal;

3. U fin-nuqqas, l-attur jigi awtorizzat li jnehhi l-istess komunikazzjonijiet tad-drains u tad-dranagg fuq imsemmija, u dana okkorrendo taht id-direzzjoni ta' Perit Arkitett li tinnomina din il-Qorti, u a spejjez tal-konvenuti;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri nterpellatorji tad-29 ta' Lulju 2000 u tat-12 ta' Awissu 2000, kontra l-konvenuti minn issa ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-attur;

Rat id-Degriet ta' din il-Qorti tal-24 t'Awissu, 2000, li bih appuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-14 ta' Novembru, 2000;

Rat li l-konvenuti, ghalkemm notifikati bl-Att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-Smiegh, naqsu li jressqu Nota tal-Eccezzjonijiet u naqsu wkoll li jidhru meta l-kawza giet imsejha;

Rat in-Nota tal-attur, ippresentata mill-Avukat tieghu fl-ewwel dehra tal-kawza [f'pagna 9 tal-process], illi permezz taghha huwa gharraf lill-Qorti li, matul iz-zmien li kienet ghaddejja l-kawza, il-konvenuti ghamlu dawk ix-xoghlijiet li l-attur kien talab li jaghmlu, u ghalhekk kien qieghed icedi l-atti tal-kawza, imma kien ghadu qieghed jitlob li l-konvenuti jhallsuh l-ispejjez tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tal-attur;

Rat id-degriet taghha tal-14 ta' Novembru, 2000, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-mertu tal-kawza jirrigwarda l-ikkumnikar, min-naha tal-konvenuti lejn tmiem ix-xahar ta' Lulju, 2000, ta' katusi tad-drenagg gio bini ta' wiehed minnhom mas-sistema tal-katusi tad-drenagg tal-bini tal-attur. L-attur iqis tali ghamil bhala tnaqqis, jew tehid, tad-dgawdija tieghu fuq il-gid tieghu u xkiel fit-thaddin tal-pussess tal-istess;

Illi, ghajr ghad-Dikjarazzjoni mahlufa tieghu, l-attur ma lahaq ressaq l-ebda prova ohra fil-kawza. Kif inghad, il-konvenuti ma kkontestawx il-kawza lanqas. Huwa car mill-atti tal-kawza li l-attur agixxa fi zmien qasir u hekk kif intebah x'kien qieghed jigri. M"ghandu jkun hemm l-ebda dubju li, minhabba li x-xoghlijiet impunjati saru f'fond li jmiss mad-dar fejn jghix l-attur, hu seta' jkun jaf f'kull waqt x'kien ghaddej. Ma kienx jaghmel sens li hu jippresenta c-Citazzjoni kieku x-xoghlijiet li lmenta minnhom kienu tnehhew diga';

Il-Qorti rat l-artikoli 559 u 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghalhekk, fid-dawl ta' dawn id-deduzzjonijiet u fin-nuqqas ta' provi ohrajn, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l- kawza billi:

1. Minhabba n-Nota ta' cessjoni tal-attur dwar il-mertu tat-talbiet tieghu, tieqaf milli tiehu gharfien taghhom jew li tiddecidjhom; u

2. Billi hija soddisfatta li x-xoghlijiet li minnhom ilmenta l-attur tnehhew wara li bdiet il-kawza, billi

**tikkundanna lill-konvenuti**, flimkien u solidalment bejniethom, li jhallsu l-ispejjez tal-kawza kif mitluba mill-attur.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**12 ta' Dicembru, 2000.**

**Charles Falzon**

**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru, 2000.**